# AĦNA BŻONN XULXIN

Ktieb tar-Reliġjon tat-Tielet Sena tal-Primarja



# AĦNA BŻONN XULXIN



Ktieb tar-Reliġjon tat-Tielet Sena tal-Primarja



## AĦNA BŻONN XULXIN

Ktieb tar-Reliġion tat-Tielet Sena tal-Primarja
Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar Reliġion fit-Tielet Sena tal-Primarja.

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katakeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2015.
Xogħol ikkummissjonat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali
2015 Segretarjat għall-Katekeżi Malta.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.

**Kitba tat-test: Diane Fenech - Alison Galea - Rebecca Camilleri - Dorianne Farrugia - Stephanie Farrugia - Mansy Cutajar - Sandra Bajada**

Ħajr lill-Membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lill-Uffiċjali tal-Edukazzjoni Reliġjuza fi ħdan id-Direttorat għall-IStandards u l-Kwalità fl-Edukazzjoni: **Ms Antoinette Laferla** u **Ms Kathleen Bonello,** lil **Rev. Dr. Carl Mario Sultana, Rev. Dr. Hector Scerri, Rev. Dr. Renè Camilleri** għall-pariri esperti tagħhom.

**Kordinament tax-xogħol: Rev. Dr. Carl Mario Sultana, Ms Mansy Cutajar**

**Disinn ta' Keith Pavia**

M'hemmx diffikulta` li dan il-ktieb ikun ippubblikat (Nihil Obstat)
20 ta' Lulju 2015
Dun Hector Scerri (teologu)

Dan il-ktieb jista' jiġi stampat (Imprimatur)
Mogħtija mill-Kurja Arċiveskovili Furjana
27 ta' Lulju 2015
+ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta.

Stampat Velprint Ltd

ISBN 978-99957-839-5-2



# AĦNA BŻONN XULXIN

**Wara li ż-żewġ kotba tal-ewwel sentejn feṫħu quddiemna r-rigal tal-ħajja u s-sabiħ tad-dinja li ngħixu fiha, f'dan it-tielet ktieb li qed nippreżentaw joħroġ ċar is-sens ta' komunità. Kull wieħed u waħda minna għandna sehem x'nagħtu biex l-ikrah u n-negattiv fil-ħajja ma jirbaħx.**

Aħna lkoll noħolmu u nixtiequ li t-tajjeb jibqa`, mhux biss jidher u jinħass, imma li saħansitra jibqa` jħalli marka fuq id-dinja madwarna. Issa, biex din il-ħolma sseħħ, hemm bżonn jikber iktar is-sens ta' komunità bejnietna. Il-komunità tal-bnedmin tinbena ġebla ġebla u lkoll kemm aħna għandna parti x'nilagħbu fil-bini ta' dinja fejn il-ħbiberija sinċiera u s-solidarjetà jkunu tassew il-pedamenti li fuqhom qed nibnu.

Il-qalb tagħna hija art li rridu nikkultivawha, l-istess kif bidwi jieħu ħsieb l-għalqa tiegħu biex ma jħallihiex timtela b'ħaxix ħażin biss. Aħna wkoll irridu nikkultivaw lil qalbna biex jikbru fiha sentimenti sbieħ u pożittivi, biex ikun hawn fostna sens ikbar ta' mogħdrija u maħfra, u biex il-fidi tagħna f'Ġesù, li sar bniedem biex isalvana, inħalluha tgħina nibnu dinja aħjar u isbaħ.

Meta nieħdu ħsieb tagħna nfusna u tal-oħrajn, meta nibdew nagħtu kas sinċier tal-bżonnijiet tal-oħrajn, meta ma nkunux egoisti u naħsbu fina nfusna biss, ir-relazzjonijiet bejnietna jkunu iktar sinċieri u l-ambjenti tagħna tal-familja, tal-iskola u tad-dar ikunu ferm isbaħ.

Aħna bżonn xulxin. Dan ma hux biss it-titlu ta' dan il-ktieb tat-Tielet Sena, imma wkoll l-impenn tagħna għal matul din is-sena biex nindunaw iktar li ħadd mhu maqtugħ biex jgħix għal rasu. Is-sens ta' komunità bejnietna jgħin biex id-dinja tkun aħjar u biex is-sabiħ u l-pożittiv ikun jidher u jinħass iktar.

Iktar ma nfittxu li ngħinu lil xulxin, iktar ma nindunaw bil-bżonnijiet tal-oħrajn, iktar ma nuru ħlewwa ma' xulxin fil-mod kif nitrattaw lil xulxin, iktar ikun hawn armonija fid-dinja u fl-ambjenti tagħna. Hekk, il-paċi bejnietna ma tibqax ħolma imma ssir realtà.

Dun Renè Camilleri

**.....Iktar ma nfittxu li ngħinu lil xulxin, iktar ma nindunaw bil-bżonnijiet tal-oħrajn, iktar ma nuru ħlewwa ma' xulxin fil-mod kif nitrattaw lil xulxin, iktar ikun hawn armonija fid-dinja u fl-ambjenti tagħna.**



# WERREJ


**1. Jien u l-oħrajn**

1.1 Bdiet sena ġdida..... 1
1.2 Mingħajrhom ma jien xejn..... 3
1.3 Inħobb u nuri rispett..... 5
1.4 Bżonn jew kapriċċ?..... 7
1.5 Min għandu ħafna ...u min xejn..... 9
1.6 Int xi ħobb tagħmel?..... 11
1.7 Ħadd ma kien jagħtih xejn!..... 13
1.8 Imfejqa mil mard fil-jum tas-Sibt..... 15

**2. Qatt ma jien waħdi**

2.1 Jgħinuna nikbru sew..... 19
2.2 Alla ħalaq kollox tajjeb..... 21
2.3 X'nistenna minn ta' madwari?..... 23
2.4 Waħdi jew fi grupp..... 25
2.5 F'xi ħin jew ieħor għandi bżonnok. 27
2.6 Fuq il-passi ta' Ġesù!..... 29
2.7 Kemm kienu bil-għaqal!..... 31
2.8 Ejja warajja..... 33

**3. Ġesù fostna**

3.1 L-Ewwel Presepju..... 37
3.2 Ġesù twieled f'Betlem..... 39
3.3 Aħna konna fl-għar..... 41
3.4 Aħna għexna l-Ewwel Milied..... 43
3.5 L-anġli tal-presepju..... 45
3.6 Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba..... 47

**4. Il-paċi sabiħa**

4.1 Fid-dlam jew fid-dawl?..... 51
4.2 Meta nkiser il-vażun..... 53
4.3 Jien nirrispetta dak li temmen int!.. 55
4.4 L-Ewwel familja fil-Knisja..... 57
4.5 Darba oħra naħsibha sew..... 59
4.6 Niskuża ruħi quddiem sħabi u quddiem Ġesù..... 61
4.7 Ħbieb mill-ġdid..... 63
4.8 Ngħix tajjeb..... 65

**5. Ngħinu bil-qalb**

5.1 Nagħmlu kollox bil-qalb..... 69
5.2 Id-dinja li nagħmlu parti minnha.... 71
5.3 Nieqaf u naħseb ftit..... 73
5.4 Min jagħmilna ferħanin tassew..... 75
5.5 Ġesù jqatta' l-ġurnata magħna.... 77
5.6 Tumas m'emminx li kien Ġesù!..... 79
5.7 Dan ħażin jew tajjeb?..... 81
5.8 In-nagħġa l-imqarba..... 83

**6. Ġesù qam tassew**

6.1 Meta ż-żerriegħa tikber..... 87
6.2 Jien ukoll kont hemm...u rajtu..... 89
6.3 Xmun jgħin lil Ġesù..... 91
6.4 Jien nista' nkun Xmun..... 93
6.5 Wieqfa taħt is-Salib..... 95
6.6 Sabu l-ġebla mgerba u l-qabar vojt..... 97

**7. Jiddispjacini**

7.1 Nagħmel dak li nwiegħed..... 101
7.2 Kif inħossuna?..... 103
7.3 Inġib ruħi sew..... 105
7.4 Naħdmu biex ma ngħidux 'le' lil Ġesù..... 107
7.5 Il-parabbola taż-zewgt aħwa..... 109
7.6 Li nobdi mhux dejjem faċli..... 111
7.7 Nindunaw u nibdlu t-triq..... 113
7.8 Naħdmu ħa nimxu dritt..... 115

**8. Ta' madwari**

8.1 Ferħanin li nkunu flimkien..... 119
8.2 Salvani!..... 121
8.3 Inħares ftit' il bogħod minni..... 123
8.4 Min qed jgħinna nikbru?..... 125
8.5 Id-drittijiet u d-dmirijiet..... 127
8.6 X'irid minna Ġesù..... 129
8.7 Inħennu għall-oħrajn..... 131
8.8 Għandna bżonn lil xulxin..... 133

# 1 JIEN U L-OĦRAJN

# 1.1 Bdiet sena ġdida

**Fil-bidu tas-sena nħossuna eċitati għal dak li jkun qed jiġri u xi ftit beżgħanin ukoll. Dan kollu jgħinna naħsbu f'dak li nkunu se ngħaddu minnu u kif nistgħu nippreparaw tajjeb għalih.**

## 1. Aqra din l-istorja.

Mark kellu seba' mitt sena sakemm terġa' tibda l-iskola. L-iskola kien iħobbha. Imma ma setax jieqaf jaħseb..... Min jaf jekk Paul ikunx miegħu din is-sena? U Martha, tgħid, ħa tibqa' fil-klassi tiegħu? Ommu qaltlu li kien importanti ħafna li jirringrazzja lil Alla li għadda sajf tajjeb. Qaltlu wkoll biex jitlob lil Alla jgħinu ħalli jkollu sena tajba.



## 1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Taħseb li Mark kien ferħan li se jibda sena skolastika ġdida? (Iva, le, ma nafx).

2. Ommu qaltlu biex jirringrazzja lil Alla għax Alla hu (għalliem, Missier, qassis) li jħobbna.

3. Meta nitlob inkun qed (naqra, inkanta, nitkellem ma' Alla).

## 2. Pinġi b'kulur aħmar l-affarijiet li trid tagħmel biex tħobb lil Alla u żżomm l-għaqda ma` sħabek.

| | |
|---|---|
| Ngħajjar lil ta' madwari. | Ma ngħid kontra ħadd. |
| Nitkellem m'Alla meta nqum. | Naħdem fi grupp. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Sandra kienet tipprova tinsa kull darba li xi ħadd kien jonqosha.

Hi kienet tkun pronta biex _____ .

Kemm hu sabiħ li _____
u ma nibqgħux bin-nervi!

# 1.2 Mingħajrhom ma jien xejn

**Alla jurina li jħobbna permezz ta' ommna, ta' missierna u ta' dawk li jieħdu ħsiebna. Xi drabi, dawn il-persuni jaħdmu. Għalhekk, filgħaxija jew fil-ħinijiet differenti mill-ħinijiet tal-iskola jkollna nqattgħu xi ħin man-nanniet.**

## 1. Għaqqad.

| | |
|---|---|
| Dawk li jieħdu ħsiebna jħobbuna għax | nagħtu daqqa t'id fid-dar. |
| Alla jurina li jħobbna | hu Missier li jħobbni. |
| L-għaqda nuruha meta | permezz ta' dawk li jieħdu ħsiebna. |
| Għandi nitkellem m'Alla għax | ibatu għalina. |

## 2. Agħżel tnejn minn din il-lista u ddiskuti ma' sħabek kif dawn jgħinuk wara l-ħin tal-iskola.

Ommi u missieri

In-nanniet

Il-ħbieb

L-aħwa

Il-kuġini

Il-ġirien

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Carla kellha ġenituri jaħdmu u kienu jiġu mix-xogħol tard. Kienet tlesti l-HW kmieni biex tqatta' ħin mal-_____ tagħha.

Kemm hu sabiħ li nsibu l-_____ li noqogħdu ma' min jieħu ħsiebna!

# 1.3 Inħobb u nuri rispett

**Kemm-il darba nisimgħu l-kelma: "Inħobbok". Hija kelma sabiħa ħafna meta nkunu nħobbu fil-verità. Xi kultant ma nħobbux tassew għax irridu nagħmlu dak li jiġina f'moħħna. Meta tħobb turi rispett.**


## 1. Agħti l-kulur skont is-sentenza.
## Isfar ifisser taqbel. Aħdar ifisser ma taqbilx.

| Taqbel jew ma taqbilx? | | |
|---|---|---|
| **Inħobb tassew meta:** | **Naqbel** | **Ma naqbilx** |
| 1 Nagħmel li rrid. | | |
| 2 Nistudja u nagħmel li hemm bżonn. | | |
| 3 Nġib ruħi sew fil-knisja. | | |
| 4 Nibki meta ma niħux dak li rrid. | | |



## 2. Meta nappezza nuri li nħobb tassew.

**Nuru li nħobbu lil Alla meta nħobbu lil ta' madwarna. Ikteb żewġ sentenzi lil xi ħadd li jieħu ħsiebek fejn tgħid lil din il-persuna kemm tapprezza x-xogħol li tagħmel għalik. Żejjen b'kuluri differenti.**



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Martha kienet tifla li kienet tieħu pjaċir b'kollox. Qatt ma kienet tgerger.**

**Min ma jgergirx bħal Martha jkun dejjem _____.**

**Kemm hu sabiħ li _____ dak kollu li jsir għalina!**



# 1.4 Bżonn jew kapriċċ?

Fil-ħajja għandna dejjem nifirħu b'dak li jkollna. Mhux sew li dejjem irridu u qatt m'aħna kuntenti. Għandna naħarbu l-kapriċċ.



## 1. Iddiskuti u mmarka flimkien ma' sħabek liema minn dawn juru bżonn u liema kapriċċ.

| | Bżonn | Kapriċċ |
|---|---|---|
| 1. Marija xtaqet pinna tixgħel għall-iskola. | | Kapriċċ |
| 2. Martha riedet żarbun għax li kellha kien beda jitqatta'. | | |
| 3. Ċempilt lil Peter għax kien marid. | | |
| 4. Karl talab lil ommu jieħu brejk mill-istudju. | | |

## 2. Għandna ħafna bżonnijiet.
## Imla ċ-ċrieki bil-bżonnijiet tiegħek.

Li nsib min jgħallimni.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Alex u Sarah kellhom ħafna u ħafna ġugarelli.

Huma kienu _____ l-ġugarelli tagħhom ma' sħabhom.

Kemm hu sabiħ li taqsam li jkollok u wkoll li _____ lil Alla ta' dak kollu li għandek!


# 1.5 Min għandu ħafna ...u min xejn!



Ħafna u ħafna tfal fid-dinja jmutu kuljum bil-ġuħ għax m'għandhomx x'jieklu. Dawn it-tfal u l-familji tagħhom ikunu fqar ħafna u ma jsibu lil ħadd min jgħinhom.

## 1. Aħna bħala tfal x'naħlu?

Hawn Malta, il-problema tal-ħela wkoll teżisti. Iddiskuti ma' sħabek u ikteb x'naħlu bħala tfal.



## 2. Qabbel.

1. Meta Alla ħalaq id-dinja ma kienx hawn faqar.

2. Fid-dinja m'hawnx ħafna faqar.

3. Il-foqra m'għandhomx ikel biżżejjed u ilma nadif.

**VERU**

4. Madre Tereża ħadmet fost il-fqar.

5. F'Jum il-Missjoni l-Knisja tħeġġiġna biex ngħinu lill-foqra.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Mark ta ħasla sew lill-kelb u ħallieh jaħli ilma kemm irid.

Fil-pront ommu għajtitlu u ftakar li mhux sew li naħlu l-_____.

Kemm hi sabiħ li nużaw ilma _____ u mhux naħluh!

# 1.6 Int xi ħobb tagħmel?

**Biex insir naf lil xi ħadd irrid nitgħallem dwar kif jgħix, x'iħobb jiekol u kif iqatta' l-ħin tal-ġurnata. Biex insiru nafu lil Ġesù sew, irridu nitgħallmu kif hu u n-nies li kien jagħmilha magħhom kienu jgħixu.**


## 1. Ikteb veru jew falz.
## Fil-kultura Lhudija....

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-Lhud kienu jkabbru s-siġar tat-tin u taż-żebbuġ. | Veru | |
| 2. Is-sajd kien wieħed mix-xogħlijiet importanti. | | |
| 3. Kien hemm għalliema nisa u rġiel. | | |
| 4. In-nisa Lhud kienu jieħdu ħsieb jagħmlu l-ħobż. | | |
| 5. Ħafna mir-raħħala li kienu jrabbu n-ngħaġ kienu sinjuri. | | |

## 2. Pinġi dawk ix-xogħlijiet li taħseb li kienu jagħmlu n-nies fi żmien Ġesù.










## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Peter kien imur l-iskola ma' Mahmud. Mahmud kien għadu kif ġie fl-iskola tiegħu. Huma kienu ħbieb u dak kien ħafna importanti għalihom it-tnejn.**

**Peter kien iqis lil Mahmud bħala _____.**

**Kemm hi ħaġa sabiħa li nkunu _____ ma' kulħadd!**

# 1.7 Ħadd ma kien jagħtih xejn!

**Fi żmien Ġesù, kien hemm dawk li kienu sinjuri ħafna u allura kien ikollhom ħafna x'jieklu. Kien hemm ukoll dawk li kienu fqar ħafna u li allura ma kien ikollhom xejn.**

**1. Aqra l-istorja tal-Għani u l-Fqir u wara poġġi n-numri ħdejn is-sentenzi biex tifforma l-istorja sew.**

| | |
|---|---|
| Imma s-sinjur qatt ma kien jagħtih xejn. | |
| Il-fqir miet u mar il-ġenna għax kien raġel tajjeb. | |
| Kien hemm raġel sinjur li kellu ħafna flus. | 1 |
| Miet is-sinjur u ma marx il-ġenna għax kien kattiv. | |
| Kien hemm ukoll fqir li ma kellu xejn. | |
| Il-fqir kien jitlob lis-sinjur biex jagħtih xi ħaġa tal-ikel. | |
| Is-sinjur ta' kuljum kien ikollu ħafna ikel. | |



## 2. Imla s-sentenzi b'dan il-kliem.

storja • Lazzru • parabbola • frak

1. Il-fqir kien jismu _____.

2. Kien jixtieq jiekol il-_____ li jaqa' mill-mejda tal-għani.

3. Din l-istorja tissejjaħ _____.

4. Parabbola hija _____ mhix vera li kien jgħid Ġesù biex jgħallem.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Annie kienet tifla li ċikkulata kienet tikolha weħidha u ma kienet tagħti lil ħadd.

Annie kienet persuna li ma tħobbx _____ mal-oħrajn.

Kemm hu sabiħ li niftakru fl-_____!

# 1.8 Imfejqa mill-mard fil-jum tas-Sibt

**Fil-jum tas-Sibt il-Lhud kienu jieqfu mix-xogħol u ma jagħmlu xejn. Kienu biss imorru s-sinagoga fejn kien ikun hemm il-Qassis il-Kbir u kien jaqra silta mit-Testment l-Antik.**



1. Isma` s-silta mill-Vanġelu tal-miraklu tal-mara l-milwija u kompli agħti l-kulur lil din l-istampa.



## 2. Agħżel ir-risposta t-tajba.

1. Kull nhar ta' Sibt Ġesù kien jgħallem
   (fis-sinagoga, fis-Samarija).

2. Darba, waqt li kien fis-sinagoga għamel
   (prietka, miraklu).

3. Il-mara kienet ilha marida
   (ħmistax-il sena, tmintax-il sena).

4. Il-kap tas-sinagoga (feraħ, rrabja) għax Ġesù fejjaq fil-jum tas-Sibt.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



David kien imur l-iskola bi ftit ħobż. Maria kienet tieħu biċċa ħobż żejda kuljum biex tagħtihielu.

Maria kienet _____ lil David biex dan ma jbatix il-ġuħ.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ fl-oħrajn!

# 2 QATT MA JIEN WAĦDI



# 2.1 Jgħinuna nikbru sew....

Fil-ħajja aħna mdawrin b'nies tajbin li joffrulna kull xorta ta' servizz. Dawn jgħinuna nikbru kif iridna Alla. Meta dawn is-servizzi ngħaqqduhom flimkien naraw li d-dinja tisbieħ u timxi 'l quddiem.



## 1. Aqra dawn is-sentenzi u ara min qed jgħidhom.

1. Jien nieħu ħsieb il-ħajja spiritwali tal-parroċċa.
   Jien il-Kappillan.

2. Jien immexxi skola u nara li l-għalliema u l-istaff kollu jaħdmu kuntenti flimkien mat-tfal.
   Jien _____.

3. Jien inkabbar il-ħxejjex u l-frott.
   Jien _____.

4. Jien inwassal it-tagħlim lit-tfal li jkolli fil-klassi.
   Jien _____.

5. Jien ħlaqtek u nieħu ħsiebek kuljum.
   Jien _____.

## 2. Meta ngħin lin-nannu jaħsel il-platti nkun qed nagħtih servizz. Iddiskuti ma' sħabek x`qed juru l-istampi. Għaqqad dawk li juru servizz u imla l-aħħar kaxxa b'servizz li inti tagħti.



ngħin lil ommi



nilgħab bil-ballun

**SERVIZZ**



noqgħod attent fil-klassi



nitlob għall-oħrajn

_____

_____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Martina spiss kienet tiftakar f'dak kollu li kienet tagħmel għaliha ommha u allura kienet _____ fil-pront.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ fil-pront lill-ġenituri meta jitolbuna xi ħaġa!

# 2.2 Alla ħalaq kollox tajjeb!

Alla ħalaq kollox tajjeb. Imma aħna niltħawdu meta naraw nies ibatu u jmutu minħabba l-gwerer jew il-mard jew il-ġuħ. Ninsew li huma l-bnedmin stess li jġibu dan kollu.

## 1. Bejn il-fqir u s-sinjur....

Ara liema minn dawn il-pajjiżi għandhom dawn ir-riżorsi u mmarka b' √ jew b'X fejn meħtieġ. L-ewwel waħda hija lesta.

| Riżorsa | Pajjiżi Sinjuri | Pajjiżi Foqra |
|---|---|---|
| Ilma nadif | √ | X |
| Mediċini | | |
| Ikel għal kulħadd | | |
| Edukazzjoni | | |
| Djar u knejjes komdi | | |
| Serq u ġlied | | |
| Liberta` li temmen li trid | | |

## 2. Ħares lejn dawn l-istampi. Poġġi l-kelma t-tajba taħt kull stampa. Iddiskuti x'qed tara ma' sħabek u flimkien għidu talba għal dawn il-persuni li qed ibatu.

il-ġuħ • il-ħmieg • ~~il-gwerra~~ • il-faqar





il-gwerra





## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Mustafa` kien ġej minn pajjiż fejn kien hemm il-gwerra.

Kien imdejjaq għax ħalla lin-nanniet warajh. Kemm hi kerha l-_____!

Kemm hu sabiħ li _____ f'kull min qed ibati b'dan il-mod!

# 2.3 X'nistenna minn ta' madwari?

**Dawk li qed jgħinuna nikbru jgħallmuna naraw il-ħajja b'mod sabiħ u ngħixuha bil-ferħ. Dan jagħmluh billi jaċċettawna, jisimgħuna u jirrispettawna anke meta ma jaqblux magħna.**

## 1. X'tistenna li tirċievi minn dawn?

### Mill-għalliema

Lezzjonijiet sbieħ

### Mill-katekisti

### Minn sħabi tal-klassi

## 2. Daħħal il-kliem fis-sentenza t-tajba.

nisma' • ~~sabiħ~~ • ħalaqni

1. Ngħixu l-ħajja b'mod sabiħ meta nagħmlu li hemm bżonn.

2. La għandi bżonn min jismagħni, jien irrid _____ lil ħaddieħor ukoll.

3. Alla _____ biex ngħix bil-ferħ mal-oħrajn.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Chloe kienet marida imma qatt ma kont taraha mdejqa.

Chloe kienet tifla _____ tassew.

Kemm hu sabiħ li jkollna x'ikollna ngħixu kemm jista` jkun _____!

# 2.4. Waħdi jew fi grupp



Alla ħalaqna biex inkunu mal-oħrajn u biex ngħinu lil xulxin. Għalkemm xi kultant inkunu weħidna, ikun hemm drabi li naħdmu fi grupp.



## 1.Immarka liema minn dawn l-attivitajiet tista' tagħmel waħdek.

| | ✓ | X |
|---|---|---|
| a. Naħseb fuq xi ħaġa li nkun smajt. | ✓ | |
| b. Nattendi għall-quddies. | | |
| c. Nieħu sehem f'xi kwiżż. | | |
| d. Nitlob lil Alla jgħinni waqt il-lezzjoni. | | |
| e. Naħseb kemm iħobbuni dawk li jieħdu ħsiebi. | | |

## 2. Għaqqad. Meta jien mal-oħrajn dan jgħinni biex.....

| | | |
|---|---|---|
| 1 | nisma’ | għal kull persuna fil-grupp. |
| 2 | inħoss | b’attenzjoni dak li jkun għaddej. |
| 3 | nitgħallem | lil Alla f’kull persuna. |
| 4 | nara | nagħder u nissapportja lil kulħadd. |



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Charlene kienet parti mill-grupp tal-futbol. Kienet tobdi r-regoli.

Charlene kienet temmen li r-regoli jġibu l-_____ fil-grupp.

Kemm hu sabiħ li dejjem _____ r-regoli!

# 2.5 F'xi ħin jew ieħor għandi bżonnok

**Meta Ġesù kien fid-dinja hu wera xi tfisser li tgħin lill-oħrajn. Meta aħna ngħinu lil xulxin inkunu qed nuru solidarjeta`. Is-solidarjeta` hija valur li jfakkarna li għandna bżonn lil xulxin.**

## 1. Aqra din l-istorja, iddiskuti u wieġeb il-mistoqsijiet.

**Marija kienet tisthi turi li ommha ma tantx kienet taf skola. Kienet timmaġina lil sħabha qed jidħqu biha. Waqt xi attivita` tal-ġenituri kienet tara kif tagħmel biex lil ommha ma tantx ikellmuha nies biex hi ma tisthix.**



1. Għaliex Marija kienet tisthi tgħid min hi ommha?

2. Taħseb li Marija kellha raġun taħbi lil ommha?

3. Għalfejn xi kultant nisthu u nwarrbu lil xi ħadd?

## 2. Kompli aqra l-istorja.....

Imma omm Marija kienet tinqala' biex issajjar il-ħelu u għalhekk ħafna ommijiet kienu jitolbuha tagħmlilhom xi kejk sabiħ għal xi okkażjoni. Darba, l-għalliema ta' Marija talbet ukoll lil omm Marija parir dwar xi riċetta.

## 3. Immarka fejn hu tajjeb.

| | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|
| 1 Irrid napprezza lil kulħadd. | | |
| 2 Kulħadd għandu affarijiet tajbin. | | |
| 3 Ġesù wera solidarjeta` ma' kulħadd. | | |
| 4 Nagħżel ma' min noqgħod. | | |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Ħdejn id-dar ta' Kevin kienet toqgħod mara xiħa. Kevin kien imur għandha kuljum u jara x'jonqosha.

Kevin kien veru _____ mal-ġara.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!



# 2.6 Fuq il-passi ta' Ġesù!

**Fil-Vanġelu nsibu ħafna affarijiet li juruna min kien Ġesù. Insibuh imdejjaq għax kien jara lil min ibati. Insibuh jagħmel minn kollox biex jgħin u jkun ħabib ma' kulħadd u nsibuh jieħu pjaċir ma' ħbiebu.**

## 1. Aqra s-silta mill-Vanġelu ta' San Mark. Poġġi din is-silta bil-passi wara xulxin.

1. Ġesù resaq lejha u fejjaqha.

2. Malli sar filgħaxija ġabulu l-morda u hu fejjaqhom.

3. Omm il-mara ta' Xmun kellha d-deni.

4. Malli ħareġ mis-sinagoga mar għand Xmun u Indrì.

1

## 2. Minn dak li qrajt qabbel il-ħajja tiegħek ma' dik ta' Ġesù.

| | |
|---|---|
| 1. Ġesù mar għand omm il-mara ta' Xmun li kienet bid-deni. | Malli qomt jien irringrazzjajt lil Alla tal-lejl. Tlabtu jagħtini ġurnata tajba. |
| 2. Filgħodu ħareġ u mar jitlob f'post imwarrab. | L-iskola kelli ngħin biex tnejn minn sħabi li kienu miġġildin jagħmlu ħbieb. |
| 3 Fejjaq lil dawk li kienu morda. | Wara l-iskola ċempilt biex nara kif inhi n-nanna għax kienet ma tiflaħx. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Amy u John kienu żewġt iħbieb tal-qalb. Omm Amy kienet iddum xogħol u għalhekk Amy kienet tmur għand John u tistenna lil ommha hemmhekk.

John u l-ġenituri tiegħu kienu _____ tajba tassew.

Kemm hu sabiħ li fejn nistgħu ngħinu _____ lil min ikollu bżonn!



# 2.7 Kemm kienu bil-għaqal!

San Martin de Porres twieled il-Peru` ftit inqas minn 500 sena ilu. Il-familja tiegħu kienet fqira. Allura, hu trabba fil-faqar.

## 1. Agħżel it-tajba.

a) San Martin kien (fqir, sinjur).

b) Kien jgħix (l-Awstralja, il-Peru`).

c) Meta kiber mar patri (Dumnikan, Ġiżwita).

d) Kien ħabib kbir ta' kulħadd imma l-aktar (tas-sinjuri, tal-foqra).

e) Hu waqqaf (skola, orfanatrofju) għat-tfal bla dar.

## 2. Pinġi fejn taħseb li hu tajjeb.
## Bħala Nsara, aħna nixbhu lil San Martin meta....









## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Marvik kien jiddejjaq imur l-iskola. Kien joqgħod waħdu u allura sħabu ma kinux jafu x'irid jew x'jixtieq.**


**Marvik għandu bżonn jitgħallem _____ dak li jixtieq u jħoss.**

**Kemm hu sabiħ li _____!**

# 2.8 Ejja warajja

**Ġesù kuljum jistedinna biex nimxu warajh. Xi drabi dan ma jkunx faċli u jitlob minna bosta sagrifiċċji.**





1. Ħares lejn dawn il-frażijiet u ara jekk hux tajjeb jew ħażin li tagħmel hekk.
Pingi t-tajbin.

Mark spjega s-somom lil ħabibu li sabhom diffiċli.

Sylvia raddet is-salib qabel bdiet ix-xogħol tad-dar.

Martha sabbtet saqajha meta ommha ma ħallithiex tara t-TV.

Oliver beda jitkellem ħażin għax l-affarijiet ma bdewx jiġuh kif xtaqhom hu.

Carla tat xi flus milli kienet ġemmgħet għat-tfal tal-missjoni.

## 2. Qabbel dawn is-sentenzi ma' xulxin u ara xi tfisser timxi wara Ġesù fil-ħajja ta' kuljum.

| | |
|---|---|
| Martha marret iżżur lil ħabibitha l-isptar | biex tħalli lil ommha tistrieħ wara ġurnata xogħol l-uffiċċju. |
| Paul iddeċieda jgħaddi l-brejk ma' John | u għamlitilha kuraġġ ħalli tfittex tfiq malajr. |
| Lisa qattgħet nofs ta' nhar tnaddaf id-dar | billi dan dejjem waħdu għax m'għandux ħbieb. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



John xtaq li jkollu lapes kollu kuluri bħalma kellu Mark. Darba sab dan il-lapes fl-art fil-klassi u mar jagħtih lura lil Mark.

Xi ħaġa li mhix _____ ma nistgħux inżommuha.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ lura dak li nkunu sibna u li ma jkunx tagħna!

# 3 ĠESÙ FOSTNA



# 3.1 L-Ewwel Presepju



San Franġisk xtaq li l-ġrajja ta' meta twieled Ġesù ma tintesa qatt. Kien fi Greccio, l-Italja, li ħareġ bl-idea li jagħmel presepju biex juri f'liema faqar twieled is-Salvatur tad-dinja.

## 1. Imla dawn il-sentenzi.

~~Italja~~ • Insara • ħaj • Ġesù • twelid

1. Franġisku twieled fl- Italja.
2. Ried jagħmel presepju biex ifakkar it-_____ ta' Ġesù.
3. Il-presepju li għamel Franġisku kien wieħed _____.
4. Xtaq li kulħadd ikollu sehem fil-presepju għax kien jemmen li _____ ġie għal kulħadd.
5. Il-presepju huwa wieħed mit-tradizzjonijiet marbuta għalina l-_____ mal-Milied.


## 2. Pinġi u ddiskuti.

**Kieku bħal Franġisku kelli noħloq presepju ħaj biex nuri li Ġesù twieled għal kulħadd, x'kont inpoġġi fil-maxtura?**


1.





2.



3.



4.



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Alan kien qed jistenna r-rigali tal-Milied. Is-soltu, taz-zija Lisa kien jasal kmieni. Alan dejjem kien ikun irid flus.

Alan irrabja meta din id-darba ma sabx flus imma ħwejjeġ. Alan kellu jitgħallem _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 3.2 Ġesù twieled f'Betlem

**Il-presepju huwa wieħed mit-tradizzjonijiet tagħna l-Insara u tagħna l-Maltin. Barra li nsibu l-għar, l-istilla, il-baqra, il-ħamra, Marija u Ġużeppi, fih inpoġġu ħafna pasturi oħra.**

## 1. Pinġi dawn il-pasturi li nsibu f'ħafna mill-presepji Maltin u taħthom ikteb min huma.



Ġesù



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Julienne kienet tgħid li kieku kellha tkun fil-presepju xtaqet li tkun ragħaj. Ir-ragħajja kienu tassew nies tajbin.

Julienne xtaqet tkun _____ bħar-rgħajja.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 3.3 Aħna konna fl-għar

**Kull pastur li naraw fil-presepju għandu storja x'jirrakkonta dwar kif ħassu meta ra lil Ġesù fl-għar fuq ftit tiben.**

## 1. Qabbel mal-stampa t-tajba.

1. Ġesù twieled f'għar fqir u sempliċi u ġab ħafna ferħ lil ta' madwaru.

2. Ġużeppi bata ħafna meta ra fejn se jitwieled Ġesù imma baqa' jieħu ħsiebu sal-aħħar.

3. Ir-ragħajja kienu l-ewwel nies li marru jiġru jaraw lill-Messija.

4. Il-Maġi offrew lil Ġesù r-rigali tagħhom.




Meta nobdi inkun ferħan.



Meta jsejjaħli missieri biex ngħinu mmur.



Min jgħallimni qed jagħtini rigal.



Il-papa` u l-mama` jbatu biex irabbuna.

## 2. Ħares sew lejn dawn iż-żewġ stampi. Iddiskuti ma` sħabek biex toħroġ id-differenza li tara.




| | |
|---|---|
| 1. għex f'palazz. | 1. twieled f'maxtura. |
| 2. | 2. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Adrian kien ferħan ħa jtir li ġej il-Milied. Kien diġà pprepara x'kellu jagħmel kuljum tul in-novena biex jilqa` f'qalbu lil Ġesù.

Adrian kien veru _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li

_____!



# 3.4 Aħna għexna l-ewwel Milied

**Meta nkunu qrib Ġesù nħossuna mimlija paċi. In-nies li raw it-twelid ta' Ġesù żgur li bdew jgħixu ħajja tassew tajba.**

## 1. Min taħseb li qal dan il-kliem? Iddiskuti fil-klassi.

A) "Konna qed nirgħu n-nagħaġ f'lejl ta' bnazzi. F'daqqa waħda naraw qtajja` ta' anġli."

ir-rgħajja

B) "Jien kont li tajt l-aħbar lill-bnedmin. Jien u sħabi bdejna nkantaw u xtaqna l-paċi lil dawk li kellhom qalbhom tajba."

C) "Aħna m'aħniex ta' nisel Lhudi. Minħabba li nistudjaw l-istilel ma domniex ma ndunajna b'kewkba mhux tas-soltu."

## 2. Ara dawn il-persunaġġi tal-presepju. Ara x'jgħallmuna u x'messaġġ qed iwasslulna.

| Persunaġġ | X'jgħallimna | Messaġġ |
|---|---|---|
| Marija | Inħabbar il-Bxara t-Tajba. | Aħna ma konniex nemmnu f'Ġesù imma fittixnieh u sibnieh. |
| L-anġlu | Nemmen f'Alla. | Fil-ħajja se ssib ħafna xi jfixklek. Ibqa' emmen f'Alla għax Hu dejjem miegħek. |
| Il-Maġi | Ġesù jħobb u jaċċetta lil kulħadd. | Tiddejjaqx titkellem u tgħid li tħobb lil Ġesù. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Betsy kienet il-baqra u Polsy kien il-ħmar. Dawn jixtiequ jgħidulna li għalkemm annimali Ġesù xorta stidinhom biex ikunu miegħu fl-għar.

Il-baqra u l-ħmara jgħallmuna li _____.

Kemm hu sabiħ li _____!



# 3.5 L-anġli tal-presepju

**Fil-ġrajja tal-Milied l-anġli kienu dawk li ħabbru li twieled Ġesù. Huma kantaw il-glorja biex ifaħħru 'l Alla u xtaqu l-paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba.**

## 1. Liema sentenzi minn dawn jgħoddu għall-istorja tal-Milied?

1a. Ġesù għażel li jkun fqir u sempliċi.

1b. Ġesù għażel li jkun sinjur u jgħix ħajja komda.

1a

2a. L-anġli xtaqu li jkunu nies sempliċi u fqar li l-ewwel jisimgħu b'Ġesù.

2b. L-anġli taw l-aħbar lir-ragħajja għax dawn kienu l-iktar qrib tal-għar.

3a. L-anġli xtaqu l-paċi lir-ragħajja biss.

3b. L-anġli xtaqu l-paċi lil dawk li kellhom qalbhom miftuħa għal Ġesù.



In-nannu ta' Mario kien iħobb ħafna lil Ġesù. Mario xtaq jgħid lin-nannu x'ikun tgħallem dwar Ġesù.



## 2. Fil-linji ikteb żewġ sentenzi dwar x'taħseb li Mario qal lin-nannu dwar Ġesù.

_____

_____

_____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Mawro spiss kien jiġi l-ewwel fir-Reliġjon imma meta kien jiġġieled qatt ma kien ikun irid jagħmel paċi.

Mawro kellu _____ biex ikun bravu tassew.

Kemm hu sabiħ li _____!

# 3.6 U paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba

**In-nies ta' rieda tajba huma dawk kollha li lesti jagħmlu l-ġid fil-ħajja tagħhom u ta' dawk ta' madwarhom.**



## 1. Ir-rieda tajba tiġi meta aħna nitgħallmu nisimgħu dak li ħaddieħor qed jgħidilna u naraw kif nistgħu ngħinuh. Imla l-għajnuna li tista` tagħti int fir-rigal.

1. Peter ibati ħafna biex jagħmel ħbieb u jispiċċa dejjem waħdu fil-brejk. Jien nista' ngħin lil Peter billi .....




2. Sylvia tispiċċa dejjem l-aħħar fix-xogħol tal-klassi. Jien nista' ngħin lil Sylvia billi ....



3. L-iskola tagħna temmen li għandna nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna. Jien nista' nagħmel dan billi...





## 2. Immarka min minn dawn jixtieq jagħmel il-ġid fid-dinja ta' madwaru.

| | |
|---|---|
| 1. Marija tinsisti biex id-dar jirreċiklaw il-ħġieġ, il-karti u l-plastik. | ✓ |
| 2. Mario ġmielu jigdeb fuq dak u fuq l-ieħor. L-aqwa li dejjem tgħaddi tiegħu. | |
| 3. Albert kull darba jdaħħal idejh fil-karus meta jkun hemm xi attività tal-karità. | |
| 4. Emma ma tistħix turi li tismà quddiesa kuljum u titlob bir-rużarju flimkien mal-familja. | |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Malli spiċċat il-quddiesa ta' nofs il-lejl, il-familja Vassallo marret lura d-dar biex jieklu xi ħaġa tajba u jistrieħu.

Il-familja Vassallo kienet _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!


# 4 IL-PAĊI SABIĦA



# 4.1 Fid-dlam jew fid-dawl?

**Ġesù qalilna li hu d-Dawl tad-dinja. Dan ifisser li min jgħix bħalu jkun dejjem fid-dawl jiġifieri jkun miexi fit-triq it-tajba.**

1. Iddiskuti ma` sħabek x'qed tara fl-istampi. Agħti l-kulur lil dawk l-istampi biss li juru tfal li qegħdin jgħixu fid-dawl ta' Ġesù.



Alisha dejjem toħroġ il-kelb tagħha.



Kim u Karl dejjem imorru jaraw lin-nanna tagħhom.



Amy kisret idha u Jade marret għandha biex tilgħab ftit magħha.



Dawn it-tliet subien ma jridux jilagħbu ma` Ryan.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Karl ma ġabx ruħu sew u għalhekk missieru rrabja miegħu.


Karl ma kienx _____ għax ma ġabx ruħu sew.

Kemm hi ħaġa sabiħa li l-imġiba tagħna tkun _____!

# 4.2 Meta nkiser il-vażun

**Mhux l-ewwel darba li nkissru xi vażun u nagħmluh biċċiet. Xi kultant, fil-ħajja tagħna, aħna nagħmlu l-istess. Inkissru s-sabiħ ta' bejnietna billi noħolqu l-inkwiet u ngħibu l-firda.**

**1. Inkisser is-sabiħ ta' madwari meta:**
**Agħżel u pinġi bil-kannella.**



## 2. Iddiskuti l-istampi.
## Inħallu u nkabbru s-sabiħ ta' madwarna meta:

nġibu l-ferħ



nlestu l-homework






nkunu ħbieb



nieħdu ħsieb l-annimali tagħna

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Maggie ħarġet mid-dar mgħaġġla għall-iskola. Bilkemm kellha ċans tkellem lil ommha bħas-soltu! Kienet imdejqa.

Maggie kellha titgħallem _____ l-ħin aħjar.

Kemm hu sabiħ li nsibu l-ħin biex _____ ir-relazzjoni ta' bejnietna!




# 4.3 Jien nirrispetta dak li temmen int!


**It-tliet reliġjonijiet il-kbar fid-dinja bi twemmin f'Alla wieħed huma r-Reliġjon Nisranija, l-Islam u l-Ġudaiżmu.**


**1. Qabbel dawn is-sentenzi ħalli ssir taf aktar dwar dawn ir-reliġjonijiet.**

| | |
|---|---|
| Il-fundatur tal-Islam huwa | fil-Bibbja. |
| Ir-reliġjon tal-Islam hija miktuba | fit-Torah. |
| Il-Lhud jaqraw il-kelma t'Alla għalihom | l-Profeta Mohammed. |
| L-Insara jsibu l-kelma t'Alla | fil-Koran. |

## 2. Kull reliġjon għandha s-simbolu tagħha. Fil-kaxxa ikteb ir-reliġjon skont is-simbolu u wara agħtihom il-kulur.







## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Omar kien tifel mis-Sirja. Ġie fil-klassi ta' Frank u sejjer tajjeb f'din il-klassi.

Frank sar ħabib ta' Omar. Frank fehem li aħna rridu _____ lil kulħadd.

Kemm hu sabiħ li nirrispettaw lil _____!

# 4.4 L-Ewwel familja fil-Knisja

**L-ewwel nies li saru jafu fuq Ġesù u emmnu fih kienu jissejħu 'l-Komunità tal-Ewwel Insara'. Il-kelma *komunità* tfisser grupp ta' nies li jemmnu u jagħmlu ħafna affarijiet flimkien.**

## 1. Imla l-vojt b'dawn il-kliem:

kollox • ~~xulxin~~ • ħtija • maħfra • qassis • bżonn

1. L-ewwel komunitajiet tal-Knisja kienu jħobbu lil _____ tassew.

2. Kienu jaqsmu _____ bejniethom biex kulħadd ikollu dak li kellu _____.

3. Kienu wkoll jitolbu _____ quddiem kulħadd.

4. Fil-bidu tal-quddiesa aħna ngħidu '_____ tiegħi' għal tliet darbiet. Fil-qrar nistqarru dnubietna mal-_____.

## 2. Aħna wkoll parti mill-komunità ta' Alla.
## Iddiskuti l-istampi ma` sħabek.
## Agħżel x'jagħmlek parti minn din il-komunità billi timmarka l-kaxxa li għandek fir-rokna tal-istampa.









## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Lydia kienet tmur il-quddies il-Ħadd biex tkun parti mill-familja ta' Alla u tgħidx kemm kienet toqgħod attenta.

Lydia kienet temmen tassew f'_____.

Kemm hu sabiħ li aħna, bħal Lydia, nuru li nħobbu lil Ġesù billi noqogħdu _____ fil-knisja!

# 4.5 Darba oħra naħsibha sew

**Meta jien ma naħsibx qabel ma nagħmel xi ħaġa, jista' jkun li nweġġa' lil xi ħadd u jkolli nitlob skuża.**

**1. Aqra s-sitwazzjoni u ħares lejn l-istampi. Ikteb x'għandhom jgħidu lil xulxin dawn it-tfal sabiex jerġgħu jagħmlu paċi.**




1. Janet ħaditlu l-kuluri lil Yan.




2. Maria u Kenneth irrabjati ma' xulxin għax Kenneth qattgħalha l-ktieb bi żball.




**3. Kiara tinsab imdejqa għax x'ħin kienu fil-klassi Leah ma riditx tgħinha fix-xogħol.**




**4. Kevin ħa għalih għax Kyle ma ridux jilgħab miegħu.**

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Stephen kien ibati ħafna fis-somom. Imma Keith kien ikun dejjem hemm biex jgħinu.

Keith kien veru jgħix ta' N_____ tajjeb.

Kemm hi ħaġa sabiħa li dejjem _____ lil min ikollu bżonn!

# 4.6 Niskuża ruħi quddiem sħabi u quddiem Ġesù

**Meta jien nagħmel xi affarijiet li bihom inweġġa` lill-oħrajn, irrid nitlob skuża ta' veru lil Alla u lill-oħrajn.**




## 1.Għin lil Peter jgħaqqad is-sentenzi.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Is-sagrament tal-Qrar waqqfu | ħafirli. |
| 2 | Biex inqerr irrid immur għand | Ġesù. |
| 3 | Fil-Qrar il-qassis qiegħed minflok | il-qassis. |
| 4 | Il-qassis jgħid it-talba tal-maħfra biex jgħidli li Alla jkun | Ġesù. |

## 2. Peter għamel dnub u tbiegħed minn Ġesù. Għinu jsib it-triq lura għand Ġesù billi tikteb dawn il-kelmiet fit-triq.

~~jiddispjaċini~~ • ma nerġax • mur fis-sliem • naħfirlek




## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Kurt kien jitlob skuża imma wara kien jerġa` jagħmel l-istess ħaġa.

Kurt kellu bżonn jitgħallem jgħid '_____' bis-serjetà.

Kemm hu sabiħ li meta ngħidu _____ tkun ta' veru u mhux biċ-ċajt!

# 4.7 Ħbieb mill-ġdid


**Meta nkun ħadt il-maħfra ta' Ġesù, Ġesù jagħtini rigal ieħor. Jistedinni nirċevih biex Hu jkun jista` jiġi għandi.**

## 1. Kompli pinġi l-istampa.

**Din l-istampa turi meta Ġesù tana lilu nnifsu.**



## 2. Kompli s-sentenzi billi tpoġġi l-kelma t-tajba fil-vojt. Għaqqad biex issib x'uża Ġesù fl-Aħħar Ikla.




_____ U _____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Martina kienet ferm bil-għaqal u kienet iġġib ruħha sew biex tirċievi lil Ġesù.

Biex nirċievu lil Ġesù rridu _____

Kemm hu sabiħ li dejjem inġibu ruħna_____ !

# 4.8 Ngħix tajjeb

**Meta ngħidu li aħna Nsara nuru li aħna ma` Ġesù. Irridu nuru dan permezz ta' kif ngħixu ma' dawk ta' madwarna.**



## 1. Agħti l-kulur lill-frażijiet li juru dan.



Lara tħobb tgħin lill-mama` tagħha fix-xogħol tad-dar.



Luke dejjem jiġġieled waqt il-ħin tal-brejk.



Daniel jgħin lill-ħabib tiegħu bi bżonnijiet speċjali.



Ariana żżur spiss lin-nanniet tagħha.



Dylan ma jħobbx isellef il-kuluri lil sħabu.

## 2. Kompli s-sentenzi billi tpoġġi l-kelma t-tajba fil-vojt. Dan kollu jagħmilna tassew bil-għaqal.

quddiesa • talba • ~~sħabu~~ • tobdi

1. John ta' spiss jikkoreġi lil _____sħabu_____ biex jitkellmu sew.

2. Julia tgħid _____ kuljum qabel ma torqod.

3. Thea tieħu sehem fil- _____ kull nhar ta' Ħadd.

4. Sandra _____ lill-għalliema.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Matthew kien spiss iwissi lil sieħbu għax dan kien jitgħażżen. Ma kienx jiddejjaq jgħidlu li dan ma kienx sew.

Matthew kien tifel _____.

Kemm hu sabiħ li _____!

# 5 NGĦINU BIL-QALB





# 5.1. Nagħmlu kollox bil-qalb

**Xi kultant dak li jkollna nagħmlu, nagħmluh b'nofs qalb. Allura, ix-xogħol ma jsirx sew.**




## 1. Iddiskuti ma` sħabek u wara niżżel it-tweġiba fil-kaxxa t-tajba.

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| a) Kont qed nilgħab fil-brejk u għent tifel li weġġa'. | ✓ | |
| b) Fid-dar ngħix qisni f'lukanda għax ma nagħmel xejn. | | |
| c) Fl-iskola, Ryan joqgħod f'siġġu tar-roti u fil-brejk noqgħod indawru fil-grawnd. | | |
| d) Rajt kelb barra t-triq u ġrejt ġirja warajh. | | |

## 2. Qabbel.

| | |
|---|---|
| Immur nixtri biex | u jien ngħinha u noqgħod magħha. |
| Immur il-Museum u noqgħod attent | naqdi lill-familja tiegħi. |
| Sibt ferħ ta' qattus barra | biex nikber aħjar. |
| Marthese hi tifla kwieta ħafna | u daħħaltu ġewwa bil-permess ta' ommi. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Marija qatt ma kellha kelb x'tieħu ħsieb. Issa kellha wieħed u ddeċidiet li tagħmillu ħajtu sabiħa.

L-annimali ħalaqhom _____ wkoll.


Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 5.2 Id-dinja li nagħmlu parti minnha

**Hemm bżonn li nagħtu kas tad-dinja ta' madwarna. Hemm bżonn ukoll li napprezzaw dak li għandna u dak li qed jigri madwarna.**



## 1. Iddiskuti ma' sħabek is-sbuħija li naraw madwarna. Irringrazzja lil Alla u pinġi l-ambjent li tgħix fih.



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Kienet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. L-iskola ġie l-Kappillan. Mort inkellmu għax nafdah u naf li ħa jgħinni.

Jien għandi nfittex l-għajnuna min-_____ li jħobbuni.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ lil min iridilna l-ġid!

# 5.3 Nieqaf u naħseb ftit

**Qatt tajna kas ta' kemm ikollhom jgħaddu minn diffikultajiet dawk li ngħixu magħhom? Alla jieħu pjaċir meta aħna nindunaw kemm ġid isirilna permezz ta' nies oħrajn.**

## 1. Iddiskuti l-istampi ma` sħabek. Agħżel l-istampa t-tajba u pinġiha. Biex nikbru f'Insara tajbin irridu:



Nfaħħru lil Alla li tana dak li  għandna madwarna.



Nitgħażżnu u nħallu x-xogħol għal ħaddieħor.

Omm Mark u Marija qamet tard. Filgħaxija damet ix-xogħol u meta ġiet, għalkemm kellha l-borma lesta, kien għad baqgħalha xi xogħol tad-dar x'tagħmel. Allura raqdet tard.



## 2. X'jistgħu jagħmlu Mark u Marija biex jgħinu lil ommhom u ħadd ma jbati? Agħżel dawk li taqbel magħhom.

| | | Naqbel | Ma naqbilx |
|---|---|---|---|
| 1 | Igergru għax qamu bil-ħasda. | | ✓ |
| 2 | Jirringrazzjaw lil Alla tal-ġurnata l-ġdida. | | |
| 3 | Jgħinu lill-mamà tlesti l-ħobż ta' kulħadd għall-iskola. | | |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Min igerger idejjaq ħafna lil ta' madwaru. Aħjar naraw x'nistgħu nagħmlu u nagħmluh bil-ferħ.


Meta nagħmlu dan inkunu qed nagħtu s-_____ tagħna.

Kemm hi ħaġa sabiħa li nagħtu s-sehem tagħna biex ta' madwarna jkunu _____!

# 5.4 Min jagħmilna ferħanin tassew

**Meta ma nemmnux dak li jgħidulna dawk li jħobbuna, aħna nkunu mdejqin ħafna. Hekk ġralhom tnejn mill-ħbieb ta' Ġesù. M'emmnux li Ġesù kien ser iqum mill-mewt kif kien qalilhom u allura ddiżappuntaw ruħhom ħafna.**

## 1. Iddiskuti l-istorja permezz tal-kliem li għandek u pingi l-istampa.





## 2. Imla bil-kliem li jidhru fl-istampa.

1. Id-dixxipli kienu sejrin _____Emmaws_____ li kienet ftit bogħod minn _____.

2. Ġesù kien miet fuq _____. Ma kellhomx paċenzja jistennewh iqum.

3. Ġesù qam u ltaqa` magħhom fit- _____ imma huma lanqas indunaw bih. Meta bierek il-_____ ma deherx aktar, indunaw li kien Ġesù.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Omm Ruth kienet ilha tgħidilha li ħa tixtrilha logħba tal-komputer. Ruth tgħidx kemm kienet teqred għax kienet qatgħet qalbha li xi darba ser tiġi l-logħba.

Ruth ma kellhiex sabar. Irridu nitgħallmu _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li nifhmu li mhux kulma rridu _____!

# 5.5 Ġesù jqatta' l-ġurnata magħna

**Il-ħajja mgħaġġla wisq! Ftit ikollna ċans naħsbu! Ġieli jiġrilna bħad-dixxipli ta' Emmaws u nkunu aljenati wisq!**

## 1. Ġesù, bħalma għamel mad-dixxipli, jiltaqa` magħna wkoll. Qabbel meta Ġesù jagħmel miegħi dan kollu.

| | |
|---|---|
| Ġesù ltaqa' magħhom. | Immur l-iskola u l-għalliema tispjegali kollox. |
| Ġesù spjegalhom. | Kull filgħodu ommi tiġi tqajjimni u bi tbissima ssellimli. |
| Ġesù fakkarhom. | Stephanie ġabet ċikkulata u fil-brejk qassmitha ma' sħabha. |
| Ġesù qasam il-ħobż magħhom. | Kien hemm inċident u ftakart li rrid nitlob għal min weġġa`. |

## 2. Immarka t-tajbin. X'irrid nagħmel biex insir aħjar?

Inħalli lil oħti tara l-programm favorit tagħha.

Niekol ċikkulata waħdi.

Nirkeb wara biex iz-ziju jirkeb quddiem fil-karozza tal-papà.

Nagħlaq il-vit sewwa biex ma jqattarx.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



In-nanna ta' Krissa kienet toqgħod magħhom. Mhux l-ewwel darba li Krissa għenitha tilbes iż-żarbun bil-ferħ.

Krissa kienet qed tkun _____ għan-nanna.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 5.6 Tumas m'emminx li kien Ġesù!


**Tumas kien iħobbu lil Ġesù imma meta kellu juri li jħobbu billi jemmen fih, dan m għamlux mill-ewwel.**

## 1. Sib il-kelma mit-tisliba.

1. Tumas kien wieħed mill-_____appostli_____.
2. Darba, Ġesù deher lill-appostli. Billi Tumas ma kienx hemm, ma riedx _____ li kien ġie Ġesù.
3. Hu qal li ma kienx ser jemmen qabel jara b'_____.
4. Ġesù qal lil Tumas li kienu bravi dawk li jemmnu bla ma _____ . Tumas iddispjaċih li ma kienx emmen mill-ewwel u ta bu_____.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | G Ħ | A | J | N | E | J | H | N | K |
| O | M | A | Ħ | F | R | A | K | U | V |
| A | P | P | O | S | T | L | I | U | X |
| R | G | J | E | M | M | E | N | P | F |
| F | V | X | Z | V | Ħ | E | S | I | K |
| K | J | A | R | A | W | N | V | O | R |

## 2. Pinġi l-istampa u imla l-vojt.




## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Noel kellu jmur għand sieħbu Manuel. Manuel fl-aħħar minuta qallu li ma setax jilqgħu minħabba n-nanna. Noel m'emmnux. Jumejn wara n-nanna mietet.

Noel ddispjaċih li ma kienx _____ lil sieħbu.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ lil min iridilna l-ġid u jħobbna!

# 5.7 Dan ħażin jew tajjeb?

**Meta nagħmel ħsara lil xi ħadd jien nagħmel ħażin. Nagħmel ħażin meta nweġġa` lil xi ħadd b'xi kelma li ngħid, meta nisraq xi ħaġa u meta nagħmel xi ħsara oħra apposta.**



## 1. Iddiskuti l-istampi ma' sħabek biex turi t-tajjeb jew il-ħazin.







## 2. Ħares lejn din l-istorja u sib it-tajba.

Catherine kienet tifla edukata u tiġi l-ewwel fil-klassi. Sħabha tal-klassi kienu jħobbuha kollha, barra Jason. Dan kien jagħmel minn kollox biex iwaqqa' lil Catherine għaċ-ċajt għax kien jgħid: "U iva, mela Catherine għandha tkun ferħana dejjem? Xi darba trid tkun imdejqa".

1. Jason kien tifel
   - bil-għaqal.
   - ~~kattiv.~~

2. Sħab Catherine kienu jħobbuha għax kienet
   - supperva.
   - edukata.

3. Jason kien jgħid
   - sew.
   - ħażin.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Jason kien iwaqqa' għaċ-cajt lil Catherine.

Li tgħajjar hu dejjem _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 5.8 In-nagħġa l-imqarba

**Meta nagħmlu li jfettlilna u ninsew kif għandna nġibu ruħna, jiġrilna bħal dik in-nagħġa tal-parabbola.**




# 1. Għaqqad l-istorja.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Telaq id-99 l-oħra u mar ifittixha. | |
| 2. | Fl-aħħar sabha u feraħ ma' ħbiebu. | |
| 3. | Ir-ragħaj kellu 100 nagħġa. | 1 |
| 4. | Darba tilef waħda. | |
| 5. | Alla jieħu pjaċir li l-bniedem midneb jerġa` lura għandu. | |



## 2. Sib it-triq li r-ragħaj irid jieħu biex isib lin-nagħġa.




## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Marion kienet qed tisma` l-istorja li n-nannu kien qed jirrakkonta dwar tifla li kienet tiskarta l-Museum. Marion indunat li dik it-tifla kienet hi.

Marion kienet bħan-nagħġa l-mitlufa għax kienet _____.

Kemm hi ħaga sabiħa li _____ biex nibqa` fil-merħla tar-Ragħaj it-Tajjeb!

# 6 ĠESÙ QAM TASSEW





# 6.1 Meta ż-żerriegħa tikber....

**Il-warda tax-xemx għandha bżonn il-ħamrija, l-ilma u d-dawl biex tikber fi fjura sabiħa. Bħaż-żerriegħa, aħna wkoll għandna bżonn l-ambjent tajjeb biex nikbru bil-għaqal u nħobbu lil Alla.**

## 1. Qabbel dawn is-sentenzi ma` xulxin.

| | |
|---|---|
| 1. Iż-żerriegħa għandha bżonn ambjent tajjeb biex tikber. | Id-diffikultajiet itellfuna milli nikbru. |
| 2. Xi drabi r-riħ jagħmel il-ħajja taż-żerriegħa diffiċli biex tikber. | Aħna nitwieldu differenti minn xulxin. |
| 3. Xi insetti jieklu ż-żerriegħa waqt li tkun għadha qed tikber. | Aħna għandha bżonn nies tajbin biex nikbru b'saħħitna u bil-għaqal. |
| 4. Kull żerriegħa hija differenti miż-żrieragħ l-oħra. | Il-ħbieb il-ħżiena jtellfuna milli nagħmlu s-sewwa. |






## 2. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Bħaż-żerriegħa aħna  għandna bżonn (l-imħabba / il-glied) biex nikbru b'saħħitna.

2. (Ir-rispett / L-għira) jgħinuna nsiru tfal bil-għaqal.

3. Biex tassew inkunu bil-għaqal  u Nsara tajbin, jeħtieġ li (napprezzaw / ma nagħtux kas) dak li ħaddieħor jagħmel għalina.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Steve kien kantant bravu. Imma Steve ma tantx kellu ħbieb għax kien jaħseb li hu l-aħjar.

Steve kellu bżonn li _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 6.2 Jien ukoll kont hemm... u rajtu

**Fil-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu naraw ħafna nies. Xi wħud ħadu sehem mill-viċin u xi wħud ħadu sehem mill-bogħod.**

**1.Pinġi b'kulur ċar dawk il-personaġġi li raw lil Ġesù kkundannat għall-mewt.**

| | | |
|---|---|---|
| ir-ragħajja | Marija, omm Ġesù | Pietru |
| il-Maġi | Ġwanni | Xmun minn Ċirene |
| is-suldati Rumani | il-Qassissin tat-Tempju | is-Samaritana |

**Pietru kien wieħed minn dawk li kienu ħbieb kbar ta' Ġesù. Meta Ġesù waqa` f'idejn is-suldati Rumani Pietru sab ruħu waħdu u ċaħdu.**

## 2. Isma' s-silta mill-Vanġelu ta' San Luqa u daħħal dan il-kliem f'postu:

miegħu • ~~bogħod~~ • ċaħdu • Pietru
palazz • nar

Pietru kien miexi warajh mill- bogħod. Hu daħal fil-bitħa tal-_____ u qagħad madwar in-_____. Ratu qaddejja u qalet : "Dan ukoll kien ikun _____" Imma hu baqa` jgħid sal-aħħar li ma jafux u _____ tliet darbiet.



## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Oħt Mariella kissritilha t-tablet apposta meta ġġieldu. Ftit wara oħtha kellha bżonn min jispjegalha s-somom u Mariella spjegathomlha.

Mariella kienet _____ lil oħtha b'qalbha kollha.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 6.3 Xmun jgħin lil Ġesù


**Il-Vanġelu ta' San Mark jurina lil Xmun iċ-Ċirinew jiltaqa` ma` Ġesù.**



## 1. Agħżel it-tajba dwar Xmun.

1. Xmun kien minn (Ċirene, Betlem).
2. Hu kien ġej (mill-ħanut, mill-għalqa).
3. Hu kien (mistieden, ordnat) jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib.
4. Is-suldati kienu (Ġermaniżi, Rumani).
5. Xmun għen lil Ġesù (sat-tarf tat-triq, sal-Kalvarju).

## 2. Agħżel l-istampi li jmorru ma' din l-istorja.









## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Mario kien moħħu biex jilgħab. Darba, ommu talbitu biex imur jixtrilha mingħand tal-ħanut u hu mar fil-pront.

Mario kien _____ meta aċċetta li jmur jixtri.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 6.4 Jien nista' nkun Xmun

**Fil-ħajja tagħna ġieli nbatu għax ngħinu. Ikollna nagħtu mill-ħin jew minn dak li jkollna. Drabi oħra nbatu għax ħadd ma japprezza dak li nagħmlu.**

## 1. Aqra din l-istorja u ddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma` sħabek.




Mark ma kienx jaf għaliex oħtu Melanie dejjem kienet tirċievi aktar attenzjoni mingħand il-ġenituri. Kien iħossu mwarrab. Melanie kellha bżonn ħafna attenzjoni. Għalkemm kien iħossu hekk, hu xorta kien jagħmel li hemm bżonn.

## Iddiskuti ma` sħabek.

1. Taħseb li Mark kellu raġun iħossu mwarrab?
2. Taħseb li omm Mark kienet twarrbu?
3. Għaliex għamel sew Mark li baqa` jagħmel li hemm bżonn?

## 2. Xmun żgur li bata meta ġarr is-salib ta' Ġesù Mil-lista li għandek, agħżel dawk l-affarijiet li biex tagħmilhom int tbati. Wara pinġihom.




## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Alison kellha tmur party. Ommha kienet ma tiflaħx u Alison baqgħet id-dar tgħinha.

Alison kienet _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 6.5 Wieqfa taħt is-Salib

**Il-Madonna baqgħet ma' Ġesù l-ħin kollu. Hi ratu jbati, rat lis-suldati jkunu kattivi miegħu u ratu jmut fuq is-salib.**

## 1. F'dan l-ispazju ikteb talba lill-Madonna għall-bżonnijiet ta' xi ħadd li qed ibati.



### *Talba lill-Madonna*

## 2. Pinġi din l-istampa.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Iz-ziju Pawlu kien marid ħafna u miet.
In-nanna bkietu ħafna.

Ħassejt li għandi _____ għaz-ziju Pawlu.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____ għall-mejtin!

# 6.6 Sabu l-ġebla mgerba... u l-qabar vojt

**Kien il-Ħadd filgħodu meta Ġesù qam mil-mewt. Il-ġebla li kienet tagħlaq il-qabar kienet imressqa u l-qabar kien vojt.**



## 1. Aqra l-Evanġelu ta' San Luqa. Poġġi l-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù skont kif seħħet tassew.



| | |
|---|---|
| 1. Huma sabu l-ġebla mgerba minn quddiem il-qabar u l-qabar kien vojt. | |
| 2. Żewġt irġiel qalulhom: "X'intom tfittxu 'l min hu ħaj qalb il-mejtin?" | |
| 3 Qalulhom ukoll: "Mhux hawn imma qam". | |
| 4. Fl-ewwel jum tal-ġimgħa ġew ħdejn il-qabar xi nisa u ġabu l-fwejjaħ li kienu ħejjew. | 1 |

## 2. Fl-Għid inqassmu l-bajd għaliex Ġesù ħareġ mill-qabar u kien ħaj. Pinġi dawk li juru x'għamel Ġesù meta qam mill-mewt.












**Ġesù rebbieħ**




## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Peter ġera ħdejn ommu u ried jgħidilha l-kliem li qal Ġesù lill-appostli meta dehrilhom.**

**Peter qal lil ommu: "Il-_____miegħek."**

**Kemm hi ħaġa sabiħa li ngħibu**

**_____!**

# 7 JIDDISPJAĊINI





# 7.1 Nagħmel dak li nwiegħed

**Alla wiegħed li ħa jibgħat lil Ġesù fostna. U hekk għamel. Għalhekk, biex nikber bil-għaqal irrid dejjem inżomm il-kelma li nkun tajt.**

## 1. Imla l-vojt billi tagħżel kliem minn ġol-kaxxa.

emozzjonijiet • kuntenti • Ġesù • ~~rwol~~ • jwiegħed

1. Aħna lkoll għandna _____rwol_____ fil-grupp li nkunu fih.

2. Inħossuna _____ meta xi ħadd iżomm kelmtu u jwettaq dak li _____.

3. Għandna nagħtu kas l- _____ ta' ħaddieħor meta nwiegħdu xi ħaġa.

4. Alla wiegħed li jibgħatilna lil _____ u hekk għamel.

## 2. Iddiskuti ma` sħabek x'qed juru l-istampi. Ikteb is-sentenza t-tajba fil-vojt.

### Nuri li jiddispjaċini ta' dak li għamilt • Insellef milli jkolli





### Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Abraham kien dejjem iwiegħed li ħa jsellef il-kotba lil sħabu. Dawn kienu jsellfuh ħafna. Imma Abraham qatt ma ta xejn.**

**Abraham ma kienx _____ sew li jissellef biss.**

**Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!**

# 7.2 Kif inħossuna?

**Matul il-ġurnata, aħna nkunu f'postijiet differenti. Hemm postijiet li fihom inħossuna aħjar minn postijiet oħra. Dan għax in-nies li jkollna magħna jgħinuna jew itellfuna milli nħossuna tajbin.**

## 1. Pinġi dawk l-istilel li juru kif inħossuna aħna. Iddiskuti ma` sħabek.



## 2. Naħdmu biex ma nkunux imdejqin. Immarka.

| | | | |
|---|---|---|---|
|  | Noqgħod ma` min hu waħdu. | Tajjeb | Ħażin |
|  | Ma ngħin lil ħadd. | Tajjeb | Ħażin |
|  | Immur nixtri l-ħalib lin-nanna. | Tajjeb | Ħażin |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Alison kienet tifla ġdida fil-klassi. Cathy kienet twaqqagħha għaċ-ċajt għax ma tantx kienet titkellem sew bil-Malti.

Ħadd m'għandu jwaqqa` _____ lil ħadd.

Kemm hija ħaġa sabiħa li _____!



# 7.3 Inġib ruħi sew

**L-imġiba tagħna turi jekk aħniex bil-għaqal jew le! L-Insara bil-għaqal jġibu ruħhom sew ma` ta' madwarhom.**

## 1. Immarka l-imġiba t-tajba billi tpingi wiċċ ferħan jew imdejjaq fil-vojt.

1. Sabbatt u għajjatt għax ommi ma riditx tixtrili l-ġugarelli.

2. Fil-quddies qgħadt attenta ħafna.

3. Mort ngħin lil missieri għax talabni ngħinu.

4. Qattajt il-pitazz għax l-għalliema qaltli biex nirranġa x-xogħol.

## 2. Ikteb nota lil min jieħu ħsiebek fejn tgħidlu li ħa tipprova ġġib ruħek aħjar.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Patrick qam u ma riedx imur quddies. Ommu qaltlu li jekk imur hi kienet ħa tieħdu jieħu pizza. Hu mar il-quddies mill-ewwel.

Patrick ma kienx _____ tassew għax mar minħabba l-pizza.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 7.4 Naħdmu biex ma ngħidux ‘le’ lil Ġesù


**Meta Ġesù kien għadu fid-dinja, ħafna kienu dawk in-nies li qalulu ‘iva’. Kien hemm oħrajn li qalulu le.**

## 1. Iddiskuti x’qed tara fl-istampi. Pinġi dawk l-istampi tat-tfal li b’dak li qed jagħmlu qed jgħidu ‘iva’ lil Ġesù.











## 2. Imla l-vojt.

1. Meta aħna nonqsu lil ħaddieħor, aħna nkunu qed nonqsu wkoll lil Ġ_____.

2. Aħna rridu nkunu tfal li lil Ġesù ngħidulu 'i_____' f'dak li jitlob minna.

3. Meta niġġieled ma' ħuti u jiddispjaċini Ġesù j_____.

4. Aħna rridu nippruvaw dejjem nuru r_____ lejn dawk ta' madwarna.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Anna tgħidx kemm kienet tiftaħar b'ommha. Imbagħad, qatt ma kienet tgħinha għax dejjem kienet issib xi skuża.

Anna kienet tonqos minn _____ meta ma kinitx tgħin lil ommha.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 7.5 Il-parabbola taż-żewġt aħwa



**Fil-parabbola taż-żewġt aħwa naraw kemm xi kultant ma nkunux bil-għaqal għax ma nobdux.**

## 1. Poġġi s-sentenzi wara xulxin billi tagħmel in-numri fil-kaxxi.

1. Il-missier ried li wliedu jmorru sal-għalqa. ☐
2. Imma t-tifel il-kbir qallu li ħa jmur imma mbagħad ma marx. ☐
3. Iż-żgħir qallu li ma riedx imur, imma mbagħad mar. ☐
4. Darba, kien hemm missier li kellu żewġ subien. 1
5. Allura, sejjaħ lit-tifel il-kbir u talbu jmur l-għalqa. ☐
6. Sejjaħ lit-tifel iż-żgħir u talbu jmur hu wkoll l-għalqa. ☐

## 2. Għaqqad is-sentenzi.

| | |
|---|---|
| Iż-żewġ aħwa kellhom | dejjem f'dak li hu tajjeb. |
| Mhux sew li noqogħdu ninku | jobdu fil-pront. |
| Irridu nobdu | biex nobdu. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Charlotte kienet pulita u nadifa u l-għalliema kienet tfaħħarha ħafna. Charlotte kienet tirringrazzjaha u tibqa` miexja.

Charlotte kienet qed tipprova _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 7.6 Li nobdi mhux dejjem faċli

**Iż-żewġt aħwa tal-istorja ma tantx kienu jafu xi tfisser tobdi. Dan għaliex l-ebda wieħed minnhom ma għamel fil-pront dak li kellu jagħmel.**

**1. Ħares lejn dawn is-sentenzi u agħżel jekk it-tfal hux qegħdin jobdu jew jissuppervjaw.**

Jissuppervjaw = S  Jobdu = J

1. Jane tgħajjat mal-ħabiba tagħha għax laqtitha bi żball. S
2. Jeff ma jilgħabx m'oħtu għax ma ħallitux jara l-programm li ried fuq it-television.
3. Ariana taċċetta l-iskuża tal-ħabib tagħha wara li ħadilha l-ballun.
4. Frank jgħin lill-ħabib tiegħu avolja dan beda jidħaq bih għax jistudja.

## 2. Pinġi l-kaxxi li għandhom ittri kbar u ikteb.

| M | a | E | b | g | T | a | q | A | x |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | O | p | B | c | D | r | t | I | s |
| Ġ | o | z | E | x | c | S | i | U' | e |
| J | f | I | h | E | x | Ħ | w | U | f |
| P | r | J | p | A | l | Ċ | j | I | R |
| h | l | B | d | I | f | J | v | b | A |

Meta _____

_____

_____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Kull filgħodu Aldo kien imur jixtri l-gazzetta. Iix-xiħ ta' ħdejh. Aldo kien jaqsam il-ħelu li jagħtih ix-xiħ ma' sħabu.**

**Aldo kien** _____

**Kemm hija ħaġa sabiħa li** _____**!**

# 7.7 Nindunaw u nibdlu t-triq

**Fil-ħajja tagħna mhux l-ewwel darba li nindunaw li dak li nkunu għamilna ma jkunx sew li għamilnieh. Allura rridu nibdlu t-triq li nkunu qbadna.**

## 1. Ikteb l-ittra li tmur ma' kull numru

1-b 2- i 3- e 4- o 5 – l 6- n 7- a
8- r 9- u 10- m 11- s 12- w 13- ħ 20- w 21-t

| 2 | k | 4 | 5 | 5 | 6 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| l | k | o | l | l | n | a |

| 5 | - | p | 7 | ċ | 2 | | ġ | 4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | - | p | | ċ | | | ġ | |

| q | 7 | 5 | 1 | 6 | 7 | | 10 | e | 21 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| q | | | | | | | | e | | |

| 6 | 2 | t | 4 | 5 | 1 | 9 | | 10 | 7 | 13 | f | 8 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | t | | | | | | | | | f | | |

| 1 | 2 | 5 | | q | 7 | 5 | b |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | q | | | b |

## Issa ikteb din is-sentenza f'dawn il-linji.

_____

_____

_____

## 2. Kif irrid inġib ruħi qabel ma nagħmel xi ħaġa? Pingi t-tajbin.

| | | |
|---|---|---|
| Nagħmel li jaqbilli. | Nisma' x'qed jgħiduli. | Ingerger wara. |
| Nobdi. | Ma nagħti kas ħadd. | Nifhem il-bżonn li naqdi. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:




Matthew nduna li ssuppervja meta sabbat saqajh għalxejn. Hu ddeċieda li jibdel ħajtu u jsir aħjar.

Matthew, meta ħaseb, induna li kellu _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 7.8 Naħdmu ħa nimxu dritt

**Ġesù kien tifel eżemplari u ubbidjenti għax dak kollu li ommu u missieru talbuh, hu dejjem għamlu. Dan mhux dejjem hu faċli.**



# 1. Ħares lejn dawn l-istampi u ddiskuti meta hu faċli (F) u meta hu diffiċli (D).

F











## 2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.

**Ġesù • ~~suppervi~~ • bil-għaqal**

1. Meta ngħidu 'le' lil min iridilna l-ġid, aħna nkunu suppervi .

2. Meta ngħidu 'le' għat-tajjeb, aħna nkunu qed inwarrbu lil _____.

3. Aħna rridu nkunu _____ biex insiru nixbhu iktar lil Ġesù.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



"Min hu supperv ser ibati hu!" qalet omm Jason lil Jason. U Jason baqa` jaħseb fuq dak li qaltlu ommu.

Jason għamel sew li _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li_____!

# 8 TA' MADWARNI



# 8.1 Ferħanin li nkunu flimkien

**Fil-ħajja hemm ħafna affarijiet li jistgħu jagħmluna ferħana għal ftit żmien biss. Hemm affarijiet oħra li jagħmluna ferħanin matul ħajjitna kollha.**

## 1. Iddiskuti flimkien ma` sħabek dak li jiġik f'moħħok meta tara u tisma' l-kelma 'FERĦ'.





## 2. Poġġi l-kliem t'hawn taħt fil-kolonna t-tajba:

1. Nieħu sehem fil-quddiesa.
2. Ikolli ġugarelli ġodda.
3. Nsiefer Disney Land.
4. Ikolli ħbieb li nista` nafda.

| Ferħ | Ferħ veru |
|---|---|
| | 1 |
| | |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Neville kellu l-*birthday* u stieden lil ħbiebu. Kulħadd wasal, barra Peter. Dan ma kienx ser imur għax ma setax jagħtih rigal. Neville ċempillu u talbu biex imur.

Neville kien veru _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 8.2 Salvani!

**Fil-ħajja tagħna ġieli ngħaddu minn żminijiet diffiċli. Imma, jekk noqogħdu attenti, lil Ġesù nsibuh f'kull diffikultà li jkollna.**

## 1. Biex issib x'irid minna Ġesù meta nkunu f'diffikultà, imxi ma' dawn il-punti:

1) Aqta' bil-lapes l-kliem kollu li jibda bl-ittra j.

2) Aqta' l-kliem kollu li juri xi kulur.

3) Aqta' l-kliem kollu li għandu x'jaqsam mal-ilma.

4) Pinġi bl-isfar il-kliem li fadal u niżżilhom fis-sentenza ta' taħt it-tabella.

| | | | |
|---|---|---|---|
| jikteb | vit | qatt | aħdar |
| aħmar | jifirħu | m'għandek | bir |
| taqta' | jimxi | flixkun | qalbek |

Fi żminijiet diffiċli _____.



## 2. Aqra l-istorja qasira u wara ddiskuti il-mistoqsijiet.

Ġesù u l-appostli kienu fuq dgħajsa. F'daqqa waħda qam maltemp kbir. Id-dgħajsa bdiet timtela bl-ilma.

## 3. Agħżel it-tajba biex tkompli l-istorja.

1. L-appostli kienu ferm (kuntenti / imbeżżgħin).
2. Ġesù kien (rieqed / imqajjem).
3. L-appostli qajmu lil Ġesù biex (jiekol / isalvahom).
4. Ġesù (kkalma / qajjem) il-baħar u waqgħet kalma kbira.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Sandra kienet tħobb tilgħab mal-ġenituri tagħha imma kienet tgerger għax kellha ftit ġugarelli.

Sandra għandha bżonn _____.
aktar dak li għandha.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 8.3 Inħares ftit 'il bogħod minni

**Xi kultant lanqas nagħtu kas dak li naraw jiġri madwarna. Naraw ħafna tbatijiet imma lanqas nindunaw li dawk huma ħutna wkoll.**

## 1. Ħares lejn l-istampi u wara agħżel l-aħjar tweġiba.



**Dawn it-tfal ġieli jkunu mdejqin għax....**

1. ma jgħixux ġo palazz. ☐
2. m'għandhomx biżżejjed ikel. ☑



**Dan ir-raġel sinjur jidher imdejjaq għax....**

1) ikollu jmur ix-xogħol. ☐
2) egoist, dejjem irid u ma jħobbx jgħin. ☐



**Għalfejn taħseb li xorta waħda jifirħu dawn it-tfal?**

_____

_____

_____



**X'kellu bżonn dan ir-raġel biex ikun ferħan mill-ġdid?**

_____

_____

_____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**Peter kien jaf idoqq ħafna l-pjanu. Kien ikollu ħafna kunċerti. Imma kien ifalli wisq il-katekiżmu u ftit kien jitgħallem fuq Ġesù.**


**Peter kellu bżonn li _____.**

**Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!**

# 8.4 Min qed jgħinna nikbru?

**Min jaf kif kienet tkun il-ħajja kieku ngħixu weħidna fuq xi gżira? Kif kienet tkun il-ħajja mingħajr il-ħafna nies ta' madwarna?**

## 1. X'ikun jonqosna kieku kellna ngħixu fuq gżira 'l bogħod min-nies? Iddiskuti ma` sħabek u imla l-vojt.



## 2. Kif nistgħu nuru li napprezzaw dak kollu li għamlu għalina dawn in-nies?
## Ikteb in-numru ħdejn l-istampa t-tajba.
## Hemm żewġ sentenzi għal kull stampa.

1



2



| | |
|---|---|
| Ngħinu fix-xogħol tad-dar mingħajr ma ngergru. | 2 |
| Noqogħdu attenti waqt il-lezzjonijiet u nipparteċipaw. | |
| Meta jikkoreġuna ma nissupervjawx. | |
| Ix-xogħol nagħmluh fil-kwiet u pulit. | |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Patrick kien fqir għax missieru kien dejjem marid. Patrick xorta kien kuntent għax kien jaf li ommu tagħmel minn kollox għalih u għal missieru.

Patrick kien tifel _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 8.5 Id-drittijiet u d-dmirijiet

**Aħna spiss ingergru għax xi ħadd ma jagħtiniex dak li suppost jagħtina. Imbagħad ftit jimportana minn dak li suppost nagħmlu aħna lill-oħrajn.**

## 1. Aqra u imla l-vojt bil-kelma t-tajba.

a) Għandna d- _____ meta jkollna persuni li:

- jħobbuna,
- jieħdu ħsiebna u jagħtuna ikel tajjeb għalina,
- jgħallmuna dak li hu tajjeb u bżonnjuż biex ngħixu aħjar,
- jisimgħu dak li għandna xi ngħidu.

b) Għandna d- _____ meta:

- nieħdu ħsieb tal-affarijiet ta' madwarna,
- ngħinu u ngħidu l-verità,
- nagħmlu ħilitna kollha biex nitgħallmu,
- nisimgħu x'għandu xi jgħid ħaddieħor.

## 2.Pinġi d-drittijet bil-kulur isfar u d-dmirijiet bil-blu.

**Drittijet**


Affarijiet li nistennew mill-oħrajn.

**Dmirijiet**

Affarijiet li għandna nagħmlu aħna.

1. Għandna ngħinu lill-ġenituri u lil min naraw fil-bżonn.
2. Inħossuna ferħanin meta l-oħrajn iħobbuna.
3. Għandna nirringrazzjaw lil Alla ta' kulma tana.
4. Għandna nobdu lill-ġenituri, lin-nanniet u lill-għalliema.
5. Għandna bżonn lil xi ħadd biex jieħu ħsiebna sew.
6. Noqogħdu attenti ħalli nitgħallmu kemm nifilħu.

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Chris kien dejjem irid u qatt ma kien jifhem li għandu jara hu x'suppost jagħmel. Il-kamra tiegħu lanqas kont tista` tidħol fiha. Kien hemm wisq imbarazz!

Chris kellu jifhem li _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!




# 8.6. X'irid minna Ġesù?

**Fil-Vanġelu nsibu dak kolllu li aħna għandna bżonn biex ngħixu tajjeb u allura nkunu nistgħu mmorru l-ġenna.**

## 1. Sib min hu dak li tana dan kollu billi tikteb l-ewwel ittra ta' kull kelma li qed turi l-istampa.

Eżempju: 

**F** ← għax l-istampa qed turi flixkun









## 2. Xtaħseb li għandek tikteb?

Ma` Ġesù dejjem inkunu _____

## 3. Pinġi l-istampa ta' Ġesù jgħallem il-Beatitudnijiet.


Imberkin dawk li jġibu

l-_____

għax huma jissejħu t-tfal

ta' _____ .

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Carl kien kuntent jgħix f'familja ta' tliet aħwa. Il-membri tal-familja ta' ħdejhom kienu dejjem jiġġieldu u qatt ma kien hemm kwiet.

Kemm hu ikrah _____.

Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!

# 8.7 Inħennu għall-oħrajn

**Mhux dejjem faċli tħenn. Biex tħenn, xi kultant, ikollok tħalli l-affarijiet li tħobb tagħmel jew tagħti dak li jkollok għal qalbek.**

## 1. Kif nistgħu nħennu għal ħaddieħor?
## Ikteb in-numru tas-sentenzi fil-kaxxi ta' taħt l-istampi.










1. Ara għalfejn qed jibki u għinu.
2. Mur ħdejh u staqsih biex jiġi jilgħab miegħek u ma' sħabek.
3. Għinhom billi taqsam xi ħwejjeġ jew ġugarelli minn tiegħek magħhom.
4. Ċempillu jew ibgħatlu xi kartolina li pinġejt inti stess.

## 2. Aqra din l-istorja u ddiskuti.

**Storja A: Marta minn dejjem kienet tħobb l-annimali iżda kienet tibża' ħafna mill-klieb. Ġurnata fost l-oħrajn, meta kienet sejra l-Mużew, Marta semgħet kelb jokrob. Rat kelb muġugħ għax kienet tajritu karozza. Marta ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel. Id-dar kienet taf li ma setgħux iżommuh għax ma kellhomx ħin u flus biżżejjed biex jieħdu ħsieb ta' annimali. Marta xorta xtaqet tgħinu.**

## X'tista' tagħmel iżjed Marta minkejja li ma tistax iżżommu d-dar?

**Hi setgħet**

_____

**Għandna nħobbu l-annimali għax**

_____

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



**George u ommu qabdu l-karozza tal-linja. Malli telgħu poġġew bilqiegħda. Wara ftit telgħet anzjana. George qabad u qamilha.**

**George kien _____.**

**Kemm hi ħaġa sabiħa li _____!**

# 8.8 Għandna bżonn lil xulxin

**Fil-ħajja diffiċli nagħmlu kollox weħidna. Xi darba jew oħra jkollna bżonn l-għajnuna, jew ikun hemm bżonn li ngħinu aħna stess.**



## 1. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.

**1. Ma fhimtx il-ħowmwerk li spjegat l-għalliema.**

a. Ma tagħmilx il-ħowmwerk.

b. Tistaqsi lill-għalliema biex terġa' tispjegalek.

ċ. Tfajjar it-tweġibiet bl-addoċċ.

**2. Hemm il-ħabib tiegħek jidher imdejjaq ħafna.**

a. Tmur tgħidlu jqum u jiġi jilgħab miegħek.

b. Ma tagħtix kas.

ċ. Tistaqsih xi ġralu u tkun lest li tisimgħu.

**3. Il-ħabiba tiegħek waqgħalha l-ħobż mal-art u m'għandhiex x'tiekol.**

a. Tagħtiha biċċa mill-ħobż tiegħek.

b. Tarmilha l-ikel.

ċ. Tugżaha lill-għalliema.

## 2. Qabbel is-sentenzi.

| | |
|---|---|
| Nista' ngħin lill-foqra billi | nobdi mill-ewwel. |
| Nistgħu naħdmu bħala tim jekk | nagħti xi ikel u ħwejjeġ. |
| Nista' ngħin lill-ġenituri billi | nisimgħu u ngħinu lil xulxin. |
| Nista' nferraħ persuna weħidha billi | nqatta' l-ħin magħha. |

## Illum niddiskutu u nitgħallmu din:



Gerald kien jgħin għax kien jgħid: "Jien nieħu pjaċir meta jgħinuni. Allura nagħmel l-istess."

Gerald kien _____.

Kemm hu sabiħ li _____!



**Wara li ż-żewġ kotba tal-ewwel sentejn fetħu quddiemna r-rigal tal-ħajja u s-sabiħ tad-dinja li ngħixu fiha, f'dan it-tielet ktieb li qed nippreżentaw joħroġ ċar is-sens ta' komunita`. Kull wieħed u waħda minna għandna sehem x'nagħtu biex l-ikrah u n-negattiv fil-ħajja ma jirbaħx.**



ISBN 978-99957-839-5-2

9789995783952

segretarjat għall-katekeżi